MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Numru. 981/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Keith Arnaud)
vs
Martin Cassar, iben Francis, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Frar, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, u cioe’-
talli fl-4 ta’ April, 2009 għal ħabta tal-11.45 p.m. ġewwa l-Fairplay Gaming Arcade fi Triq in-Naxxar, San Gwann, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:
1. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett

mija u disa’ u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37), u li sar għad-dannu ts-soċjeta’ Gaming Operations Ltd. u/jew ta’ entitajiet u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta żamm jew issekwestra lil Richard Gauci, lil Charles Magri u xi persuna/i oħra kontra l-volonta’ tagħhom;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
talli fis-7 ta’ April, 2009 għal ħabta tas-1.00 a.m., ġewwa l-Fairplay Gaming Arcade, fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:
4. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa’ u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37), u li sar għad-dannu ts-soċjeta’ Gaming Operations Ltd. u/jew ta’ entitajiet u/jew persuni oħra;
5. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta żamm jew issekwestra lil Leslie Caruana, lil Rodlene Gaunt u diversi persuni oħra kontra l-volonta’ tagħhom;
6. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
talli fis-17 ta’ April, 2009 għal ħabta ta’ 00.30 a.m., ġewwa l-Ambassador Gaming Arcade, formanti parti mis-Suncrest Hotel, fi Triq il-Qawra, Qawra flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:
7. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta’ bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputat u li kieku ġie esegwit kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz,

bil-ħin u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37);
talli fid-19 ta' April, 2009 għal ħabta tal-11.00 p.m. ġewwa l-Playline Gaming Arcasde, fi Triq il-Marsa, Marsa flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:

8. ikkometta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37) u li sar għad-dannu ta' Clifton Borg u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;
9. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta żamm jew issekwestra lil Joseph Grech u lil Bjorn Falzon kontra l-volonta' tagħhom;
10. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

talli fil-21 ta' April, 2009 għal ħabta tal-10.15 p.m. ġewwa l-Fairplay Gaming Arcade, fi Pjazza Antoine De Paule, Paola flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:

11. ikkometta serq ta' flus u tlett mobile phones, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37) u li sar għad-dannu tas-soċjeta' Gaming Operations Ltd., Jean Paul Vella, Edward Bugeja, Anna Zahra u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;
12. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta żamm jew issekwestra lil Jean Paul Vella, lil Edward Bugeja u Anna Zahra kontra l-volonta' tagħhom;
13. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
14. talli matul ix-xahar ta' April, 2009, f'dawn il-Gżejjer, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll

tiegħu jew ġarr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att Dwar l-Armi) mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att;
15. talli kkometta diversi reati li għalihom hemm kontemplat piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali datata 27 ta' Frar, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
16. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Settembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 86, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276 u 277(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' erba' snin priġunerija. Minbarra dan rat is-sentenza tas-27 ta' Frar, 2008 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' sitt xhur priġunerija iżda tali piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erba' snin minn dak in-nhar, kif ukoll piena oħra ta' sentejn priġunerija li ġiet estiża ukoll b'tali sentenza ( l-ewwel piena ġiet erogata bis-sentenza tat-2 ta' Lulju, 2004). Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li dawn iż-żewġ sentenżi jidħlu fis-seħħ illum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------